KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 13/7/194/15

**Minuti tal-Laqgħa Nru. 13**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċini amministrattivi, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar it-Tlieta 23 ta' Frar 2016. Il-laqgħa bdiet fil-5.30pm. Għal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku Dominic Grima, il-Viċi Sindku Steven Axisa, il-Kunsillier Roderick Spiteri, il-Kunsillier Bernard Sean Lynch, , l-Kunsillier Tyrone Muscat u l-Kunsillier Ivan Bartolo.

Kien hemm preżenti wkoll is-Segretarju Eżekuttiv Kurt Scerri u l-ambaxxatur taż-żgħażagħ Neil J. Tirchett.

Il-Kunsillier Nicholas Seychell kien skużat.

1. **Minuti**

1.1. Il-Minuti nr.12 ġew approvati *nem com.*

2. **Korrispondenza**

2.1. Ittra mingħand il-kumpanija Care Malta dwar in-Nazzareno Vassallo *Award*. Il-membri qablu li nibgħatu din il-korrispondenza lill-għaqdiet tal-lokali sabiex huma jinnominaw lil xi anzjani għal dan l-*award*.

2.2. Email mingħand Transport Malta sabiex il-Kunsill Lokali Paola jiddeċiedi dwar il-possibilità li Triq Sammat tiġi one way l-isfel. Il-membri qablu; filwaqt li qablu wkoll li jressqu żewġ proposti oħra li huma:

2.2.1. Jiġi kontrollat it-traffiku madwar il-pjazza fi Triq Ħal Saflieni fejn dan jidħol min-naħa ta' Pjazza Ant. De Paule u joħroġ mit-triq ta' quddiem il-poliklinika.
2.2.2. Triq St. Ubaldeska, l-parti li tmiss mal-Knisja ta' St. Ubaldeska tiġi two- way.

2.3. Ittra mingħand is-Sur Mario Fava fejn qed jistieden lil Kunsill Lokali Paola sabiex jissieħeb fil-programm ECAD *(European Cities Against Drugs)* għall-prezz ta' €300. Wara li iddiskutew din il-materja l-membri qablu li l-Kunsill Lokali għandu jissieħeb għal sena u wara sena jirrevedi din id-deċiżjoni.

2.4. Ittra mingħand il-kumpanija i.com fejn qed joffru servizz li jerġaw jibnu mill-ġdid is-sit elettroniku tal-Kunsill Lokali Paola. Il-membri qablu li għandom jingiebu kwotazzjonijiet oħra.

2.5. Email mingħand il-Pest Control Unit fi ħdan il-Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa fejn huma qed joffru servizz li jekk il-Kunsill jaqbel dawn jikkontrollaw il-popolazzjoni tal-ħamiem. Is-Sindku Dominic Grima xtaq jieħu l-opportunita biex jiċċara li l-qtil li kien sar fil-ġimghat li għaddew ma sarx wara li sargħet ordni mill-Kunsill Lokali imma minn xi entita privata biex tneħħi l-ħamiem minn fuq il-bini tagħha. Il-membri ilkoll qablu li għalkemm il-problema tal-ħamiem issa hija waħda kbira, l-qtil tal-ħamiem fil-pubbliku u waqt ħinijiet fejn ikun hemm tfal u numru ta' nies fil-pjazza żgur m'għandux isir. Għaldaqstant il-membri qablu li din il-problema tal-ħamiem tiġi kontrollata anke bl-użu ta' armi però dan għandu isir kmieni filgħodu u l-pjazza tkun magħluqa għall-pubbliku. Il-Kunsillier Muscat xtaq jiċċara li huwa ma jista' jaqbel qatt li l-problema tkun kontrollata bl-armi. Is-Sindku qal li fid-dawl li din il-problema issa hija waħda kbira ta' saħħa, ser nitolbu għas-servizz tal-Pest Control Unit.

2.6. Proposta tal-Parroċċa Kristu Re fejn qed joffru l-opportunita li l-Kunsill Lokali Paola jorganizza kunċert fil-Knisja St. Ubaldeska fil-Ġimgħa l-Kbira. Dan ser jiswa lil Kunsill €400. Il-membri qablu.

2.7. Ittra mid-Dipartiment ta' l-artijiet fejn qed jinfurmaw lil Kunsill illi l-permessi tal-mwejjed u siġġijiet tal-ħanut Buon Cafe ġew revokati.

Il-Kunsillier Lynch telaq mil-laqgħa

## 3. <u>Preżentazzjoni- Proġett Pjazza Antoine de Paule</u>

3.1. Għal din il-parti tal-laqgħa is-Sindku stieden lis-Sur Osvaldo Pace u lil Perit Chris Mintoff mill-Kunsill Konsultattiv għan-nofsinhar ta' Malta sabiex jagħtu preżentazzjoni dwar il-proġett tal-Pjazza.

3.2. Is-Sur Pace ta' preżentazzjoni lil membri tal-proġett u ta' kif ser isir il-kumplament tax-xogħol fejn fost l-oħrajn jidher li l-Pjazza ser tkun lesta sa' Settembru-Ottubru 2017. Huwa kompla billi qal li bħalissa beda ix-xogħol relatat mas-siġar u fi ftit ġranet ser joħorġu l-aħħar permessi kif ukoll jingħalqu it-tenders. Dan ix-xogħol kollu sar wara li ttieħdu l-pariri ta' numru ta' esperti. Is-Sur Pace qal li s-siġar li tneħħew sa issa nżergħu fejn iċ-Ċimiterju tal-Addolorata u l-kumplament ser jinqalaw f'Diċembru.

3.3. Is-Sur Pace qal li l-proġett huwa stmat li jiswa iktar minn 3 miljun ewro fejn ix-xogħol ser isir kollu mill-Gvern u kif ikun lest jagħti din il-pjazza lil Kunsill Lokali.

3.4. Il-Perit Christopher Mintoff ta' spjega tal-pjanta kif ukoll tal-materjal li ser jintuża. Huwa qal li l-pjanta ġiet modifikata sabiex jiġu akkomodati il-ħtiġijiet tal-għaqdiet u ta' entitajiet oħra.

3.5. Il-Perit kompla billi qal li wara li saru appelli mis-sidien tal-Kazin tal-Banda tad-De Paule il-bini ta' l-arkata fi Triq l-arkata mhux ser isir. Qal ukoll li il-latrina il-ġdida ser tkun aċċessibbli għall-kulħadd u faċli biex titnaddaf.

3.6. Il-Viċi Sindku Steven Axisa saħaq illi il-Kunsill għandu ikun infurmat bix-xogħol li ser isir fil-pjazza. Il-membri qablu u talbu li din l-informazzjoni għandna tintbagħat lis-Segretarju biex umbagħad titwassal għand il-Kunsilliera.

3.7. Il-membri irringrazzjaw lir-rappreżentanti tal-Kunsill Konsultattiv għan-nofsinhar ta' Malta għas-sehem tagħhom f'din il-laqgħa u awgurawlhom il-kumplament tal-ħidma marbuta ma' dan il-proġett.

Il-Viċi Sindku Steven Axisa telaq mil-laqgħa.

4. **<u>Preżentazzjoni-Proġett Dar ta' l-Anzjani</u>**

4.1. Għal din il-parti tal-laqgħa is-Sindku stieden lis-Sur Mark Bajada sabiex jagħti preżentazzjoni tal-proġett li qed isir mil-Kumpanija tiegħu fi Triq Valletta.

4.2. Is-Sur Bajada irringrazzja lil membri ta' din l-opportunita u ta' preżentazzjoni lil membri tal-proġett tad-Dar ta' l-Anzjani fejn wera kif dan il-proġett ser ikun wieħed ta' kwalità tassew għolja fejn fost l-oħrajn din id-dar ser ikollha fiha anke kappella, *theraputic baths* eċċ. Is-Sur Bajada qal li l-ħsieb huwa li d-dar tiftaħ f'Jannar 2017.

4.3. Il-membri irringrazzjaw lis-Sur Bajda tas-sehem tiegħu fil-laqgħa u awgurawlu suċċess f'dan il-proġett. Qablu wkoll li l-Kunsill Lokali Paola ser ikun għad-dispożizzjoni li jiddiskuti mas-Sur Bajada xi proġetti li jistgħu isiru fil-viċinanzi ta' din id-dar.

5. **<u>Financial Statements 2015</u>**

5.1. Għal din il-parti tal-laqgħa is-Sindku stieden lis-Sur Anthony Chircop, accountant tal-Kunsill Lokali Paola sabiex jagħti preżentazzjoni.

5.2. Is-Sur Chircop ta' spjega tal-Financial Statements għas-sena 2015 fejn fost l-oħrajn juru li hemm riżultati pożittivi ħafna għall-Kunsill. Huwa kompla billi qal li però dawn il-figuri jistgħu jinbidlu xi ftit minħabba l-adjustments ta' l-awdituri.

5.3. Il-Sur Chircop kompla billi ta' spjega tal-Cash Flow tal-Kunsill Lokali fejn ta' anke dettalji tal-bilanċi li hemm il-bank.

5.4. Wara li evalwaw dan ir-rapport il-membri approvaw il-Financial Statements għas-sena 2015.

## 6. Tender Ġbir ta' Skart/Knis

6.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi fid-dawl tal-ħidma li kienet għaddejja b'rabta mat-tenders tal-ġbir ta' skart u tal-knis inġibdet l-attenzjoni tal-kuntrattur għaliex kien qed jidher li l-kuntrattur kien qed jinkludi fl-invoice tiegħu il-5% Maniġment fee li fit-total tagħha għaż-żewġ tenders ammontat għal €19,322. Is-Segretarju kompla billi qal li wara li dan ġie konfermat mal-kuntrattur, huwa kien iddiskuta mal-istess kuntrattur il-mod kif din id-differenza kienet ser titħallas lura. Il-membri qablu li l-kuntrattur għandu jagħti credit note lil Kunsill Lokali fejn jinqatgħu dawn il-flus fix-xahar. F'każ li dawn it-tenders jintemmu huwa ikompli iħallas il-kumplament f'pagamenti lil Kunsill.

6.2. Is-Segretarju Eżekuttiv kompla billi qal li wara li l-Kunsill Lokali qabel li l-Kunsill għandu jieħu l-ħin kollu possibbli sabiex jifli bir-reqqa dawn iż-żewġ tenders li kien għadu għaddej ix-xogħol fuqhom, kif ukoll wara l-eżerċizzju li kellu isir fid-dawl tal-punt 6.1, kien ikun xieraq li dawn it-tenders jiġu estiżi b'sitt xhur sabiex jilħaq isir ix-xogħol kollu marbut magħhom filwaqt li jingħalaq ukoll il-proċess ta' l-għażla tal-kuntrattur għat-tenders il-ġodda. Għaldaqstant, il-membri qablu li jressqu talba lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex dawn il-kuntratti jiġu estiżi sa Settembru 2016.

## 7. Komunikazzjoni mis-Sindku

7.1. Is-Sindku Dominic Grima qal li l-ilmenti dwar il-ġbir tal-iskart u knis naqsu però għad hemm numru ta' ilmenti deħlin fuq il-latrini.

7.2. Is-Sindku qal li beda ix-xogħol ta' marki taż-żebgħa fit-toroq fejn ġew introdotti sistemi ġodda sabiex jiżdiedu il-possibilitajiet tal-parkeġġ.

7.3. Is-Sindku Dominic Grima qal li kienu saru laqgħat mal-Malta Industrial Parks kif ukoll mal-Ministeru għall-Ekonomija dwar il-bini mill-ġdid tat-toroq tal-Prinċipessa Maria kif ukoll Triq il-Baċir, żewġ toroq li huma fid-daħla taż-żona industrijali, fejn kien hemm qbil li dawn jiġu inklużi fil-baġit tal-Malta Industrial Parks sabiex isiru is-sena id-dieħla. Dwar it-toroq l-oħra li hemm bżonn xogħol fuqhom fil-qalba tal-lokalita, is-Sindku ippropona li l-Perit jagħmel rapport bl-istimi tat-toroq il-ġodda li hemm bżonn isiru. Dwar dan il-Kunsillier Spiteri issuġġerixxa li naraw il-possibilità li dawn it-toroq isiru b'forma ta' public private partnership fejn ikun hemm tender li dawn jitħallsu fuq numru tas-snin. Is-Sindku qal li dan kien il-ħsieb li kien qed isir min-naħa tiegħu ukoll u l-membri qablu li kif ikollna l-istimi nitkellmu sew fuq dawn il-proposti.

7.4. Is-Sindku Dominic Grima informa lil membri li beda diskussjonijiet mal-*Water Services Corporation* dwar ix-xogħol ħażin li kien qed isir mill-kuntratturi tagħhom meta huwa jagħmlu xogħol ta' tiswijiet fil-lokalita. Huwa kompla billi informa lil membri illi qed isiru diskussjonijiet sabiex il-korporazzjoni tagħmel xogħol anke bil-Hot Tarmac sabiex isewwi l-ħsara li kienet qed isir fit-toroq.

7.5. Is-Sindku Dominic Grima qal li kien qed ikollu diversi ilmenti b'rabta ma' rampa li hemm fi Triq Għajn Dwieli eżatt mal-Pelican Crossing. Huwa qal li dan kien joħloq inkonvenjent lir-residenti tal-madwar u kien qed jipproponi li nitolbu lil Awtoritajiet jinvestigaw dan il-każ. Il-membri qablu.

7.6. Is-Sindku Dominic Grima qal li wara l-membri talbu li nitolbu l-parir tas-Sur Alfred Ellul Galea (storiku) dwar l-isem tat-triq il-ġdida fejn it-Torrijiet. Is-Sindku kompla billi qal li l-opinjoni tas-Sur Alfred Ellul Galea hija li din it-triq tissemma għal-Kan. Bologna li kien l-aħħar rettur tal-Knisja ta' St. Ubaldeska u fi żmienu tkabbret sabiex saret kif għadha sal-lum. B'ħidmietu għen lill-komunità` li kienet tgħix madwar dil-knisja fl-oqsma reliġjużi, soċjali u kulturali. Il-membri approvaw.

## 8. <u>Skeda tal-Pagamenti</u>

8.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 12 għas-somma ta' €42,494.71.

## 9. **Aġġornament**

9.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fit-7:45pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta 29 ta' Marzu 2016.

Kurt Scerri
Segretarju Eżekuttiv

Dominic Grima
Sindku